# il-Liġi Opportunitajiet Indaqs

## Persuni b'Diżabilità

## Rapport Annwali 2005/06

Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità

Pubblikazzjoni:
**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
Ċentru Ħidma Soċjali, Istitut Vincenzo Bugeja, Santa Venera
Telefon: 2148 7789
Fax: 2148 4609
Textelfon: 2144 6536
Emejl: helpdesk@knpd.org
www.knpd.org

© Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità - 2006

Editur: Fred Bezzina



# WERREJ

DAĦLA ........ 5
SOMMARJU EŻEKUTTIV ........ 9
ĦARSA ĠENERALI ........ 14
ILMENTI IMPORTANTI ........ 28
LISTA TA' ILMENTI KOLLHA ........ 49

# INDAQS: TAJJEB GĦALIJA - TAJJEB GĦALIK

Sitt snin wara li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) għaddiet, b'mod unanimu mill-parlament Malti, dan ir-rapport ta' ħidma jagħti ritratt ċar ta' kif tħadmet il-Liġi Opportunitajiet Indaqs matul is-sena 2005/06 u fl-istess ħin joħorġu x-xejriet dwar kif il-persuni b'diżabilità u l-familarji tagħhom qed jużaw din l-għodda importanti biex huma dejjem ikunu jistgħu ttejbu l-kwalità ta' ħajja tagħhom.

Kif juri fid-dettal ir-rapport innifsu, in-numru ta' ilmenti ġodda jidher li żamm l-istess pass mas-sena ta' qabel, jiġifieri, 91 ilment fl-2004/05 u 92 ilment fl-2005/06. Ir-rapport juri wkoll li l-Kummissjoni issa ħadmet fuq 500 ilment. Dan juri ċar li l-Kummissjoni daħlet għar-responsabilità tagħha vis-a-vis l-Liġi Opportunitajiet Indaqs b'enerġija u b'impenn.

Meta nitfgħu l-ħarsa tagħna fuq kemm qed jiġbdu attenzjoni s-sitt kolonni ewlenin li fuqhom hi msejsa l-Liġi, inisibu li:

- **l-Aċċessibilità**, jew in-nuqqas tagħha, baqgħet tiġbed l-akbar numru ta' lmenti;
- **l-Edukazzjoni u l-Għoti ta' Servizzi u Oġġetti** jingħataw importanza sostanzjali u kważi indaqs;

- il-qasam tax-**Xogħol** għadu jattira ftit numru ta' lmenti;
- bħas-snin l-oħra, l-oqsma tad-**Djar** u l-**Assigurazzjoni** żammew in-numru ċkejken ta' lmenti.

Filwaqt li bħal kull liġi oħra, il-Liġi Opportunitajiet Indaqs għandha rwol tassattiv u anki punittiv, il-Kummissjoni dejjem ħarset lejn l-implimentazzjoni ta' din il-liġi essenzjalment bħala ħidma edukattiva - kemm fuq livell individwali, kif ukoll fuq livell ta' edukazzjoni soċjali. Għalina dejjem tibqa' aħjar it-triq ta' persważjoni u ftehim, milli t-triq ta' interventi legali, u każijiet fil-qorti.

Minħabba f'hekk il-Kummissjoni tiffoka ħafna mill-enerġiji limitati tagħha biex tagħti servizz ta' konsulenza dwar il-Liġi, prinċipalment lill-persuni b'diżabilità, il-familji u l-għaqdiet mhux governattivi u professjonisti li jaħdmu fil-qasam. Però l-Kummissjoni għandha wkoll kuntatt dirett ma' kull min b'xi mod irid ikun konformi mal-proviżżjonijiet ta' din il-Liġi. Matul l-2005/06 din il-ħidma edukattiva ħadet ħafna mill-ħin u enerġija ta' l-uffiċjali għolja tal-Kummissjoni.

B'assistenza finanzjarja mill-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni organizzat kampanja t'għarfien dwar il-Liġi bit-tema: 'INDAQS: Tajjeb Għalija, Tajjeb Għalik', kif ukoll konferenza round-table għall-għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu fil-qasam.

Pass importanti f'din il-kampanja t'għarfien kien il-pubblikazzjoni ta' ktejjeb li barra milli jispjega l-aħjar mod kif persuna b'diżabilità tista' tħaddem il-Liġi, jingħataw ukoll mudelli ċari ta' kif wieħed jista' jagħmel ilment kontra d-diskriminazzjoni. Dan il-ktejjeb inltlaqa' tajjeb ferm kemm mill-għaqdiet kif ukoll mill-individwi.

L-islogan ġie magħżul bir-reqqa biex iwassal messaġġ importanti. Dan il-messaġġ jemfasizza l-fatt li meta l-ambjent mibni, l-għoti tas-servizzi u oġġetti, l-edukazzjoni, is-suq ta' l-impjiegi u kull aspett ieħor tas-soċjetà jkun miftuħ u adattat għal bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità, dan itejjeb il-kwalità ta' ħajja mhux biss tal-persuna b'diżabilità imma anki ta' min m'għandux diżabilità.

Binja li għandha mezzi alternattivi t'aċċess bħal rampi u lifts, barra li tgħin lil min għandu nuqqas ta' mobilità, iżżid il-kumidità ta' min m'għandux din in-nuqqas. Mezzi alternattivi ta' komunikazzjoni, bħal sub-titles fuq it-television, tipa kbira, informazzjoni fuq awdjo, eċċ, jgħinu lil min ma jismax jew ma jarax, imma huwa t'għajnuna wkoll għal min m'għandux dawn il-kundizzjonijiet (imma forsi ma kellux l-opportunita li jitgħallem jaqra). Informazzjoni mogħtija f'forma faċli biex tifhima, barra milli taqdi lil min għandu nuqqas intellettwali, hija forma popolari ħafna u mfittxija minn min m'għandux dan in-nuqqas.

Il-fatt li nkissru l-isterjotipi u l-preġudizzji billi persuni b'diżabilità jingħataw iċ-ċans li jilħqu l-potenzjal tagħhom fl-edukazzjoni, fix-xogħol u fl-oqsma l-oħra tal-ħajja u hekk isiru dejjem aktar indipendenti anke finanzjarjament, jgħin mhux biss lilna l-persuni b'diżabilità imma lilek ukoll bħala membru tas-soċjetà tagħna.

Għaldaqstant, konformità mal-Liġi Opportunitajiet Indaqs m'għandiex titqies bħala sempliċi obbligu legali, imma għandha tingħaraf bħala sfida soċjali biex flimkien intejbu l-prodott nazzjonali tagħna fuq kull livell, minn skejjel, għal postijiet tax-xogħol, postijiet tad-divertiment u, ukoll, postijiet turistiċi.

Dawn l-aħħar sitt snin ta' ħidma kontinwa fl-implimentazzjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs ikkonvinċewna li din il-Liġi hija waħda mill-għodod ewlenin li, b'pass meqjus, qed iġib bidla profonda u pożittiva fis-soċjetà Maltija fejn aktar qed joħroġ ċar li dak li hu tajjeb għalija, bħala persuna b'diżabilità, huwa tajjeb għalik li m'għandekx diżabilità.

**Joseph M. Camilleri**
*Chairperson KNPD*

**Marianne Debono**
*Maniġer Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs*



# SOMMARJU EŻEKUTTIV

- Matul din is-sena, il-Kummissjoni kompliet taħdem fuq il-65 ilment li kienu għadhom pendenti mill-ħames snin ta' qabel u bdiet tinvestiga 92 ilment ġdid, 157 ilment b'kollox.
- In-numru ta' lmenti ġodda baqa' fl-istess livell tas-sena ta' qabel - 92 din is-sena u 91 is-sena ta' qabel filwaqt li n-numru totali ta' lmenti li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom din is-sena kien 14 aktar minn dak tas-sena l-oħra, żieda ta' 9%.
- F'sitt snin, il-Kummissjoni investigat 500 ilment, medja ta' 83 ilment fis-sena li tvarja bejn 71 u 95 ilment. Din is-sena l-ilmenti kienu 9 aktar mill-medja.
- Fil-qasam tax-xogħol, in-numru ta' lmenti ġodda għal din is-sena reġa' niżel b'każ wieħed waqt li l-perċentwal hu 4 punti anqas minn dak totali.
- Fl-edukazzjoni, in-numru ta' lmenti ġodda naqas bi 2 ilmenti però l-perċentwal hu 5 punti ogħla minn dak totali.
- Fil-qasam ta' l-aċċessibilità n-numru ta' lmenti reġa' żdied sostanzjalment bi 15-il ilment fuq dak tas-sena l-oħra. Però l-perċentwal hu biss punt ogħla minn dak totali.
- Fil-qasam ta' l-għoti ta' servizzi u oġġetti, in-numru ta' lmenti naqas b'seba' lmenti u l-perċentwal hu 2 punti anqas minn dak totali.
- Għal darb'oħra l-akbar numru ta' lmenti reġa'

kien dwar il-qasam ta’ l-aċċessibilità li jammontaw għal ftit anqas minn nofs l-ilmenti kollha.

- Il-Kummissjoni kkonkludiet 83 ilment, 3 minnhom kienu quddiem il-Qorti, waqt li 74 ilment, 3 minnhom qegħdin quddiem il-Qorti, għadhom miftuħa.
- Il-persentaġġ ta’ l-ilmenti li qegħdin quddiem il-Qorti baqa’ wieħed baxx u niżel minn 3 fil-mija għal 2 fil-mija.
- In-numru ta’ lmenti li għadhom miftuħa hu 10 aktar minn dak tas-sena ta’ qabel, li jammonta għal żieda ta’ kważi 16%.
- Il-maġġoranza ta’ l-ilmenti (69%) li għadhom pendenti huma dawk relatati ma’ l-aċċessibilità fiżika għax il-Kummissjoni kkonkludiet biss ftit aktar minn terz tal-każijiet kollha relatati ma’ l-aċċessibilità.
- Fit-taqsima tal-għoti ta’ oġġetti u servizzi għad fadal 13-il ilment li l-Kummissjoni qiegħda taħdem fuqhom. F’dan il-qasam il-perċentwal ta’ l-ilmenti li l-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi hu kważi n-nofs tal-każijiet kollha.
- Fil-qasam ta’ l-edukazzjoni, il-Kummissjoni għad fadlilha 7 każijiet pendenti. Il-Kummissjoni rnexxielha tagħlaq 29 mis-36 ilment, 81%  ta’ l-ilmenti f’dan il-qasam.
- Fil-qasam tax-xogħol, il-Kummissjoni għadha qed taħdem fuq ilment wieħed.
- L-ilmenti huma bejn wieħed u ieħor maqsuma nofs b’nofs bejn entitajiet pubbliċi (il-gvern, entitajiet parastatali u l-kunsilli lokali) u s-settur mhux governattiv li jinkludi s-settur privat u l-Knisja.
- In-numru ta’ lmenti fil-konfront tal-gvern baqa’ fl-istess livell tas-sena l-oħra u l-perċentwal ta’ lmenti fil-konfront tal-gvern għal matul din is-sena hu 2 punti anqas minn dak tas-sena l-oħra u 9 punti anqas mill-perċentwali totali.
- In-numru ta’ lmenti kontra l-entitajiet parastatali għal din is-sena baqa’ fuq l-istess livell tas-sena ta’ qabel, bil-perċentwal għal din is-sena ikun punt biss anqas minn dak tas-sena l-oħra u punt wieħed anqas minn dak totali.
- Fil-każ tal-kunsilli lokali, kien hemm tnaqqis sostanzjali fl-ilmenti, minn 11 għal 5. Il-perċentwali ta’ l-ilmenti fil-konfront tal-kunsilli għal matul din is-sena hu 7 punti anqas minn dak tas-sena ta’ qabel u 6 punti anqas minn dak totali.
- Fil-konfront tal-Knisja, il-Kummissjoni aċċellerat l-eżerċizzju biex tara li l-knejjes parrokkjali jkollhom ta’ l-anqas l-entratura prinċipali aċċessibbli għal kulħadd. Għalhekk in-numru ta’ każijiet fil-konfront tal-Knisja żdied sostanzjalment minn 11 għal 25 ilment. Il-perċentwal ta’ ilmenti fil-konfront tal-Knisja għal din is-sena hu 14-il punt ogħla minn dak totali u 15-il punt ogħla minn dak tas-sena ta’ qabel.
- L-ilmenti fil-konfront ta’ entitajiet privati naqsu b’5 u l-perċentwali għal din is-sena hu kważi l-istess għal dak totali.
- Il-Kummissjoni rnexxielha tagħlaq il-maġġoranza (53 fil-mija) ta’ l-ilmenti kollha li ħadmet fuqhom matul din is-sena. Dan hu 2 punti perċentwali anqas minn tas-sena ta’ qabel.
- Fil-każ ta’ lmenti kontra l-gvern, il-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi 71%

ta’ dawn l-ilmenti, żieda ta’ 8% fuq is-sena ta’ qabel.

- Fil-każ ta’ lmenti kontra entitajiet parastatali, il-Kummissjoni għalqet 71 ilment, l-istess perċentwal tas-sena ta’ qabel.
- Fil-każ ta’ lmenti kontra l-kunsilli lokali, il-Kummissjoni għalqet 62%, 6 punti aktar minn tas-sena ta’ qabel.
- Il-perċentwal l-aktar baxx ta’ lmenti magħluqa hu dak li jirrigwarda l-Knisja, 26%, għalkemm dan juri titjib ta’ 8 punti perċentwali fuq is-sena ta’ qabel.
- Il-perċentwali ta’ lmenti magħluqa fir-rigward ta’ l-entitajiet privati hu ta’ 43% u juri tnaqqis ta’ 13 il-punt perċentwali fuq dak tas-sena ta’ qabel.
- Matul din is-sena, il-Kummissjoni ftiehmet barra l-Qorti fil-kawża li kien hemm kontra l-SBT rigward kuntatt bl-SMS.
- Il-Kummissjoni laħqet ftehim fil-kawża li kien hemm kontra l-Università ta’ Malta rigward l-aċċessibilità għal Dar l-Istudent, billi ġie installat lift.
- Il-każ quddiem il-Qorti kontra l-Ministeru tas-Saħħa rigward l-aċċessibilità għall-faċilitajiet sanitarji fl-Isptar San Luqa, ngħalaq billi sar ix-xogħol meħtieġ.
- Il-każ kontra l-Ministeru tas-Saħħa rigward l-aċċessibilità fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira għadu għaddej quddiem il-Qorti.
- Il-każ kontra Michele Peresso rigward l-aċċessiblità għall-Medical Centre għadu għaddej quddiem il-Qorti ta’ l-Appell.
- Matul din is-sena, il-Kummissjoni fetħet kawża quddiem il-Qorti ta’ Għawdex rigward l-aċċessibilità fil-Lukanda Calypso, Marsalforn.
- Il-bord li jeżamina X’Inhu Raġonevoli skond il-Liġi Opportunitajiet Indaqs ra 59 każ, 12-il każ anqas minn tas-sena l-oħra.
- 75% tal-każijiet li ra l-bord ġew deċiżi bħala li mhumiex raġonevoli, żieda ta’13% fuq is-sena ta’ qabel.
- Matul din is-sena, il-Kummissjoni rrevediet u ppubblikat l-edizzjoni l-ġdida ta’ “Access for All - Design Guidelines”, linji gwida li fuqhom dan il-bord jimxi meta jiddiskuti t-talbiet li għandhom x’jaqsmu ma’ l-aċċessibilità fiżika.
- Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali numru ta’ emendi għal-Liġi Opportunitajiet Indaqs.
- Il-Kummissjoni għamlet kampanja ta’ għarfien dwar din il-Liġi li kienet tinkludi l-pubblikazzjoni ta’ ktejjeb.

# ĦARSA ĠENERALI

Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) daħlet fis-seħħ f'Ottubru 2000. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li kull sena tagħti rendikont tal-ħidma li tkun saret fit-tnax-il xahar ta' qabel. Dan ir-rapport hu s-sitt wieħed li l-Kummissjoni qed tagħmel u jkopri l-perjodu Ottubru 2005 sa Settembru 2006.

It-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs fi ħdan il-Kummissjoni tirċievi lmenti ta' diskriminazzjoni minn persuni b'diżabilità skond is-sitt oqsma ġenerali li jissemmew fil-Liġi li huma:

- Ix-Xogħol (Xgħl)
- L-Edukazzjoni (Eduk)
- L-Aċċessibilità (Aċċ)
- L-Għoti ta' Oġġetti u Servizzi (Serv)
- Id-Djar (Djar) u
- L-Assigurazzjoni (Ass).

**Reviżjoni ta' l-Ilmenti Kollha**

Matul din is-sena, il-Kummissjoni għamlet eżerċizzju fejn ġew eżaminati l-ilmenti kollha li saru matul dawn is-sitt snin u sar xi tibdil fejn tidħol il-klassifikazzjoni tagħhom. Uħud minnhom ingħaqdu waqt li lmenti oħra nfirdu biex ix-xogħol amministrattiv dwarhom ikun jista' jsir aħjar. Għalhekk iċ-ċifri tas-snin l-imgħoddija li qed jidhru f'dan ir-rapport jistgħu jvarjaw bi ftit minn dawk ippreżentati fir-rapporti preċedenti. Madanakollu, il-perċentwali li dehru fir-rapport tas-snin l-imgħoddija ftit li xejn ġew effettwati minħabba li d-differenza f'dawn iċ-ċifri hi waħda minima.

**Ilmenti**

Matul din is-sitt sena ta' tħaddim ta' din il-Liġi, il-Kummissjoni kompliet taħdem fuq il-65 ilment li kienu għadhom pendenti mill-ħames snin ta' qabel u bdiet tinvestiga 92 ilment ġdid. Dan ifisser li matul dan il-perjodu l-Kummissjoni bdiet taħdem jew kompliet taħdem fuq 157 ilment. Dawn iċ-ċifri mqabbla ma' dawk tas-sena ta' qabel juru li:

a) in-numru ta' lmenti ġodda baqa' fl-istess livell tas-sena ta' qabel (92 din is-sena u 91 is-sena ta' qabel);
b) in-numru ta' lmenti totali l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul din is-sena kien madwar 9% aktar minn dak tas-sena ta' qabel. Is-sena l-oħra, il-Kummissjoni ħadmet fuq 143 ilment, żieda ta' 14-il ilment. Din hi żieda sostanzjali u tirrifletti pożittivament fuq il-ħidma tal-Kummissjoni.

Dawn il-157 ilment kienu mqassma hekk:

**TABELLA 1: ILMENTI LI SAR XOGĦOL FUQHOM FL-2005-2006**

| | Xgħl | | Eduk | | Aċċ | | Serv | | Djar | | Ass | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | N | % | N | % | N | % | N | % | N | % | N | % | |
| Mis-Snin ta' qabel | 0 | 0 | 12 | 18 | 42 | 65 | 10 | 15 | 0 | 0 | 1 | 2 | **65** |
| Ġodda | 6 | 7 | 24 | 26 | 42 | 45 | 18 | 20 | 1 | 1 | 1 | 1 | **92** |
| **Total** | **6** | **4** | **36** | **23** | **84** | **54** | **28** | **18** | **1** | **1** | **2** | **1** | **157** |

Meta wieħed iqabbel l-ilmenti l-ġodda ma' dawk li daħlu fis-snin ta' qabel wieħed isib dawn iċ-cifri:

**TABELLA 2: ILMENTI MATUL IS-SNIN**

| | Xgħl | | Eduk | | Aċċ | | Serv | | Djar | | Ass | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | N | % | N | % | N | % | N | % | N | % | N | % | |
| 00/01 | 13 | 14 | 10 | 11 | 50 | 53 | 19 | 20 | 1 | 1 | 2 | 2 | **95** |
| 01/02 | 10 | 13 | 8 | 11 | 42 | 55 | 14 | 18 | 2 | 3 | - | - | **76** |
| 02/03 | 11 | 15 | 23 | 31 | 18 | 24 | 16 | 21 | 5 | 7 | 2 | 3 | **75** |
| 03/04 | 9 | 13 | 16 | 23 | 25 | 35 | 16 | 23 | 2 | 3 | 3 | 4 | **71** |
| 04/05 | 7 | 8 | 26 | 29 | 27 | 30 | 25 | 27 | 4 | 4 | 2 | 2 | **91** |
| 05/06 | 6 | 7 | 24 | 26 | 42 | 46 | 18 | 20 | 1 | 1 | 1 | 1 | **92** |
| **Total 00/06** | **56** | **11** | **107** | **21** | **204** | **41** | **108** | **22** | **15** | **3** | **10** | **2** | **500** |



Tabella 2 turi li:

- F'sitt snin il-Kummissjoni investigat 500 ilment, medja ta' 83 ilment fis-sena, li tvarja bejn 71 u 95 ilment. Din is-sena l-ilmenti kienu 9 aktar mill-medja.
- Fil-qasam tax-xogħol, in-numru ta' lmenti ġodda reġa' niżel b'każ wieħed bil-perċentwal għal din is-sena, u 4 punti anqas minn dak totali.
- Fl-edukazzjoni, in-numru ta' lmenti ġodda naqas b'2 ilmenti, però l-perċentwal hu 5 punti ogħla minn dak totali.
- Fil-qasam ta' l-aċċessibilità n-numru ta' lmenti reġa' żdied sostanzjament bi 15-il ilment. Biss il-perċentwal hu biss punt ogħla minn dak totali.
- Fil-qasam ta' l-għoti ta' servizzi u oġġetti, in-numru ta' lmenti naqas b'seba' lmenti biex il-perċentwal hu 2 punti anqas minn dak totali.
- Għal darb'oħra, l-akbar numru ta' lmenti reġa' kien dwar il-qasam ta' l-aċċessibilità li jammontaw għal ftit anqas minn nofs l-ilmenti kollha.

Minn dawn iċ-ċifri jidher li l-persuni b'diżabilità jagħtu importanza kbira lill-qasam ta' l-aċċessibilità, x'aktarx minħabba li dan hu aspett konkret u faċli tikkwantifikah. Għalhekk hu aktar faċli li wieħed jagħmel ilment relatat ma' dan il-qasam. Il-qasam edukattiv u dak dwar l-għoti ta' servizzi u oġġetti jibqgħu oqsma importanti fil-ħajja tal-persuni b'diżabilità u allura l-Liġi qed tgħin f'dawn l-oqsma importanti. In-numru ta' lmenti f'dawn iż-żewġ oqsma tista' tgħid li jirrappreżenta n-nofs l-ieħor ta' l-ilmenti totali. In-numru ta' lmenti relatati mal-qasam tax-xogħol hu wieħed relattivament baxx u juri d-diffikultajiet pjuttost

kbar li wieħed jiffaċċja biex juża din il-Liġi f’dan il-qasam. L-oqsma l-oħra tad-djar u l-assigurazzjoni għal din is-sena baqgħu fl-istess livelli baxxi tas-snin ta’ qabel.

Mill-157 ilment li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul din is-sena, 83 ilment (3 minnhom kienu quddiem il-Qorti) ġew konklużi filwaqt li 74 ilment (3 minnhom qegħdin quddiem il-Qorti) għadhom miftuħa u qed isir aktar xogħol fuqhom. Dan ifisser li l-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi 4 lmenti aktar minn tas-sena ta’ qabel, għalkemm il-perċentwal niżel b’2 punti - minn 55% is-sena l-oħra għal 53% din is-sena.

Il-persentaġġ ta’ l-ilmenti li qegħdin quddiem il-Qorti baqa’ wieħed baxx u anke niżel minn 3 fil-mija għal 2 fil-mija. Dan ikompli jikkonferma l-filosofija tal-Kummissjoni li hi tirrikorri għall-Qrati bħala l-aħħar miżura. Il-Kummissjoni temmen li din il-ħidma tinvolvi bidla fil-mentalità u l-attitudini li tista’ sseħħ b’mod aktar effettiv permezz ta’ negozjar u medjazzjoni, aktar milli bl-impożizzjoni tal-Qrati. Il-Qorti tintuża biss għal min assolutament ma jridx jisma’.

In-numru ta’ lmenti li għadhom miftuħa u li jrid jitkompla x-xogħol fuqhom hu ta’ 10 aktar minn dak tas-sena ta’ qabel, li jammonta għal żieda ta’ kważi 16%. Dan ifisser li l-ħidma tal-Kummissjoni f’dan il-qasam għas-sena li ġejja se jkollha tiżdied.

Analiżi ta’ l-ilmenti li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul din is-sena, skond it-tip ta’ lment, tagħtina dawn iċ-ċifri:



**TABELLA 3: X’SAR MILL-ILMENTI 2005-2006**

| | Xgħl | | Eduk | | Aċċ | | Serv | | Djar | | Ass | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | N | % | N | % | N | % | N | % | N | % | N | % | N | % |
| Magħluqa | 5 | 6 | 29 | 35 | 32 | 39 | 14 | 17 | 1 | 1 | 2 | 2 | **83** | **53** |
| Diskussi | 1 | 1 | 7 | 10 | 49 | 69 | 14 | 20 | - | - | - | - | **71** | **45** |
| Qorti | - | - | - | - | 3 | - | - | - | - | - | - | - | **3** | **2** |
| **Total** | **6** | **4** | **36** | **23** | **84** | **54** | **28** | **18** | **1** | **1** | **2** | **1** | **157** | **100** |

Il-maġġoranza ta’ l-ilmenti, jiġifieri 69%, li għadhom pendenti u li għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwarhom huma dawk relatati ma’ l-aċċessibilità fiżika. Dan hu dovut għall-fatt li l-akbar numru ta’ lmenti li jsiru hu relatat ma’ dan il-qasam kif ukoll minħabba l-fatt li l-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi biss ftit akar minn terz tal-każijiet kollha relatati ma’ l-aċċessibilità. It-tieni l-akbar numru ta’ lmenti li għadhom miftuħa hu dak relatat mal-għoti ta’ oġġetti u servizzi fejn għad fadal 14-il ilment li l-Kummissjoni għadha taħdem fuqhom.

F’dan il-qasam il-perċentwal ta’ l-ilmenti li l-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi hu ferm ogħla u hu n-nofs tal-każijiet kollha. Fil-qasam ta’ l-edukazzjoni, il-Kummissjoni għad fadlilha 7 każijiet pendenti. Hawnhekk, jidher li l-Kummissjoni, anke permezz tal-Liġi, qed tkun effettiva ħafna għax irnexxielha tagħlaq 29 mis-36 ilment li ħadmet fuqhom, li jammontaw għal 81%. Fil-qasam tax-xogħol, il-Kummissjoni għadha qed taħdem fuq ilment wieħed biss filwaqt li fl-oqsma l-oħra (djar u assigurazzjoni) il-Kummissjoni ma għandha l-ebda każ miftuħ.

## Kontra Min Saru l-Ilmenti

Il-Kummissjoni tinvestiga lmenti li jsiru kontra diversi entitajiet f'pajjiżna, inkluż il-gvern (Gvn), l-entitajiet parastatali (Para), il-kunsilli lokali (KL), il-Knisja (Kns) u l-entitajiet privati (Priv). L-ilmenti li l-Kummissjoni rċeviet f'dawn s-sitt snin li ilha topera l-Liġi jinqasmu hekk, skond l-entitajiet differenti li kontrihom ikun sar l-ilment:

**TABELLA 4: KONTRA MIN SARU L-ILMENTI**

| | Gvn | | Para | | KL | | Kns | | Priv | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | N | % | N | % | N | % | N | % | N | % | |
| 00/01 | 38 | 40 | 23 | 24 | 6 | 6 | 9 | 9 | 19 | 20 | **95** |
| 01/02 | 23 | 30 | 13 | 17 | 16 | 21 | 14 | 18 | 10 | 13 | **76** |
| 02/03 | 34 | 45 | 11 | 15 | 9 | 12 | 2 | 3 | 19 | 25 | **75** |
| 03/04 | 43 | 61 | 6 | 8 | 8 | 11 | 4 | 6 | 10 | 14 | **71** |
| 04/05 | 29 | 32 | 15 | 16 | 11 | 12 | 11 | 12 | 25 | 27 | **91** |
| 05/06 | 28 | 30 | 14 | 15 | 5 | 5 | 25 | 27 | 20 | 22 | **92** |
| Total 00/06 | 195 | 39 | 82 | 16 | 55 | 11 | 65 | 13 | 103 | 21 | **500** |

Matul din is-sena, l-ilmenti li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom huma bejn wieħed u ieħor maqsuma nofs b'nofs bejn l-entitajiet pubbliċi (il-gvern, l-entitajiet parastatali u l-kunsilli lokali) u s-settur mhux governattiv (is-settur privat u l-Knisja). Dan hu ferm anqas mill-perċentwali tat-total fejn il-perċentwal relatat ma' l-entitajiet pubbliċi hu ta' 66% imqabbel ma' 34% għas-settur mhux governattiv. Dan jimplika li hemm bidla notevoli u aktar ilmenti qed isiru fil-konfront ta' entitajiet li mhumiex pubbliċi.

L-ilmenti fil-konfront tal-gvern u l-entitajiet parastatali tista' tgħid li baqgħu fuq l-istess livell tas-sena ta' qabel għax kien hemm tnaqqis ta' lment wieħed minn dak tas-sena ta' qabel. Però, il-perċentwal ta' lmenti fil-konfront tal-gvern għal matul din is-sena hu 2 punti anqas minn dak tas-sena l-oħra u 9 punti anqas mill-perċentwali totali. Fil-każ ta' l-entitajiet parastatali, il-perċentwal għal din is-sena kien punt biss anqas minn dak tas-sena l-oħra u punt wieħed anqas minn dak totali. Fil-każ tal-kunsilli lokali, kien hemm tnaqqis sostanzjali fl-ilmenti, minn 11 għal 5. Dan hu rifless fil-perċentwali ta' l-ilmenti fil-konfront tal-kunsilli b'dak ta' din is-sena jkun 7 punti perċentwali anqas minn dak tas-sena ta' qabel u 6 anqas minn dak totali.

Fil-konfront tal-Knisja, il-Kummissjoni aċċellerat l-eżerċizzju biex tara li l-knejjes parrokkjali jkollhom ta' l-anqas l-entratura prinċipali aċċessibbli għal kulħadd. Għalhekk in-numru ta' każijiet fil-konfront tal-Knisja żdied sostanzjalment minn 11 għal 25 ilment. Dan hu rifless ukoll fil-perċentwali. Il-perċentwal ta' lmenti fil-konfront tal-Knisja għal din is-sena hu 14-il punt ogħla minn dak totali u 15-il punt ogħla minn dak tas-sena ta' qabel. L-ilmenti fil-konfront ta' entitajiet privati naqsu b'5 punti u l-perċentwali għal din is-sena hu kważi simili għal dak totali.

Analiżi aktar profonda tal-157 ilment li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul din is-sena skond l-entitajiet li kontrihom saru l-ilment turi din is-sitwazzjoni:

| **TABELLA 5:** X'SAR MILL-ILMENTI SKOND L-ENTITAJIET | Gvern | | Para | | KL | | Kns | | Priv | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | N | % | N | % | N | % | N | % | N | % | |
| Magħluqa | 34 | 41 | 15 | 18 | 8 | 10 | 10 | 12 | 16 | 19 | **83** |
| Diskussi | 13 | 18 | 6 | 8 | 5 | 7 | 28 | 39 | 19 | 27 | **71** |
| Qorti | 1 | 33 | - | - | - | - | - | - | 2 | 67 | **3** |
| **Total** | **48** | **31** | **21** | **13** | **13** | **8** | **38** | **24** | **37** | **24** | **157** |

Il-Kummissjoni rnexxielha tagħlaq il-maġġoranza (53 fil-mija) ta' l-ilmenti kollha li ħadmet fuqhom matul din is-sena. Dan hu fl-istess livell tas-sena ta' qabel, bi tnaqqis ta' 2 punti perċentwali.

Fil-każ ta' l-ilmenti kontra l-gvern, il-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi 71% ta' dawn l-ilmenti, inkluż parti minn ilment li kellha l-Qorti kontra l-Ministeru tas-Saħħa.

Dan juri progress sostanzjali fuq is-sena l-oħra meta l-Kummissjoni, fil-konfront tal-gvern, irnexxielha tikkonkludi 63%, li juri titjib ta' 8%. Punt ieħor pożittiv fil-konfront tal-gvern hu li n-numru ta' lmenti li għadhom miftuħa hu wieħed baxx ħafna - 14-il ilment - li hu 19% biss ta' l-ilmenti kollha li l-Kummissjoni għad għandha miftuħa. Dan kollu jindika li għalkemm l-għadd ta' lmenti fil-konfront tal-gvern huwa pjuttost konsistenti, is-soluzzjonijiet għal dawn l-ilmenti qed jinstabu fi żmien relattivament qasir.

Il-perċentwali ta' lmenti li l-Kummissjoni rnexxielha tagħlaq matul din is-sena huwa għoli wkoll fil-konfront ta' l-entitajiet parastatali (71%) u ftit anqas fil-konfront tal-kunsilli lokali (62%). Il-perċentwal relatat ma' l-entitajiet parastatali hu simili għal dak tas-sena l-oħra, waqt li għal dak li jirrigwarda l-kunsilli lokali, ġie reġistrat titjib ta' 6 punti perċentwali.

Il-perċentwali ta' lmenti magħluqa li jirrigwardaw il-Knisja hu l-aktar wieħed baxx u jammonta għal 26%, għalkemm dan juri titjib ta' 8 punti perċentwali fuq is-sena ta' qabel. Il-perċentwali ta' lmenti magħluqa fir-rigward ta' l-entitajiet privati mhux biss hu relattivament baxx (43%) imma juri tnaqqis ta' 13-il punt perċentwali fuq dak tas-sena ta' qabel.

Dawn iċ-ċifri donnhom jindikaw li s-soluzzjonijiet għal dawn l-ilmenti qed jinstabu aktar malajr fis-settur pubbliku milli f'dak mhux governattiv.

## Il-Qorti

Matul din is-sena, il-Kummissjoni kompliet taħdem fuq dawn il-każijiet li kienu quddiem il-Qrati Maltin:

a) il-każ kontra l-SBT rigward kuntatt bl-SMS ngħalaq bi ftehim barra l-Qorti;
b) il-każ kontra l-Università ta' Malta rigward l-aċċessibilità għal Dar l-Istudent ngħalaq billi ġie installat lift;
c) il-każ kontra l-Ministeru tas-Saħħa rigward l-aċċessibiilta' għall-faċilitajiet sanitarji fl-Isptar San Luqa ngħalaq billi sar ix-xogħol meħtieġ;

d) il-każ kontra l-Ministeru tas-Saħħa rigward l-aċċessibilità fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira għadu għaddej quddiem il-Qorti;
e) il-każ kontra Michele Peresso rigward l-aċċessiblità għall-Medical Centre għadu għaddej quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Matul din is-sena wkoll, il-Kummissjoni fetħet kawża quddiem il-Qorti ta' Għawdex rigward l-aċċessibilità fil-Lukanda Calypso, Marsalforn.

## Bord dwar l-Eżami ta' X'inhu Raġonevoli

Skond il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tirċievi lmenti ta' diskriminazzjoni, tinvestigahom, timmedja biex tinstab soluzzjoni u jekk tħoss il-ħtieġa tressaq il-każ tagħha għall-arbitraġġ jew il-Qorti. Il-Kummissjoni hi obbligata wkoll li tagħti pariri fuq il-Liġi u l-infurzar tagħha kemm lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom kif ukoll lill-bqija tas-soċjetà li għandha xi obbligi taħt din il-liġi.

Il-Kummissjoni trid twettaq din il-ħidma bil-limiti ta' dak li l-istess Liġi tiddefinixxi bħala "raġonevoli" (Kapitlu IV). Għal dan il-għan, il-Kummissjoni waqqfet bord biex jgħinha tiddeċiedi x'għandu jiġi kkunsidrat bħala raġonevoli f'każijiet partikolari. Dan il-bord hu kompost mis-Sur Fred Bezzina, direttur eżekuttiv tal-Kummissjoni li jaġixxi bħala ċermen ta' dan il-bord, u s-Sinjuri Gordon Cardona (persuna b'diżabilità), John Peel (ġenitur ta' persuna b'diżabilità li ma tistax tirrappreżenta lilha nnifisha), il-Perit Robert Musumeci (rappreżentant tal-Building Industry Consultative Committee), Joseph Camilleri (mis-settur pubbliku) u Anne McKenna li jaġixxu bħala membri. Is-Sinjura Marianne Debono, maniġer tat-Taqsima Opportunitajiet Indaqs fil-Kummissjoni, hi s-segretarja ta' dan il-bord.

Spiss id-deċiżjonijiet meħuda minn dan il-bord ikunu nnegozjati u għalhekk għadd ġmielu ta' dawn il-każijiet jiġu aċċettati bħala li huma raġonevoli imma b'ċerti kundizzjonijiet. Matul dan il-perjodu dan il-bord ħadem b'dan il-mod:

**TABELLA 6: X'SAR MILL-ILMENTI SKOND L-ENTITAJIET**

| | 03/04 | | 04/05 | | 05/06 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | N | % | N | % | N | % |
| Każijiet diskussi | 51 | | 87 | | 63 | |
| Raġonevoli b'kundizzjonijiet | 30 | 59 | 27 | 38 | 15 | 25 |
| Mhux raġonvolti | 21 | 41 | 44 | 62 | 44 | 75 |
| Pendenti | 0 | | 16 | | 4 | |

** Il-persentaġġ inħadem fuq il-każijiet deċiżi biss.*

In-numru ta' każijiet li ra dan il-bord naqas bi 12, minn 71 għal 59, jew bi 17%. Min-naħa l-oħra, in-numru ta' każijiet pendenti naqas ħafna wkoll (12-il każ).

Sfortunatament, it-tendenza li l-maġġoranza assoluta tal-każijiet li ra l-bord ġew deċiżi bħala li mhumiex raġonevoli anke jekk isiru ċerti kundizzjonijiet, mhux biss kompliet imma żdiedet minn 62% għal 75%.

Matul din is-sena, il-Kummissjoni rrevediet u ppubblikat l-edizzjoni l-ġdida ta' "Access for All - Design

Guidelines" li huma l-linji gwida li fuqhom dan il-bord jimxi meta jiddiskuti t-talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-aċċessibilità fiżika.

## Konsultazzjoni

Il-Kummissjoni tagħti importanza qawwija lill-aspett edukattiv ta' din il-Liġi u għaldaqstant matul din is-sena kompliet il-ħidma tagħha biex il-Kummissjoni toffri servizz ta' konsulenza dwar din il-Liġi kemm lil dawk kollha li jaħdmu dirett f'dan is-settur, jiġifieri l-persuni b'diżabilità, il-familji u l-organizzazzjonjiiet tagħhom u l-professjonisti, kif ukoll dawk il-persuni u l-entitajiet li għandhom xi obbligi b'din il-Liġi, bħal ma huma dawk li jħaddmu n-nies, dawk li joffru servizz, entitajiet edukattivi u l-bqija. In-numru ta' konsultazzjoniet kien wieħed qawwi ħafna u kien diffiċli ħafna li jinżamm rekord tiegħu.

## Reviżjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs

Matul din is-sena, il-Kummissjoni temmet l-eżerċizzju biex ikun hemm reviżjoni komprensiva tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs. Dan sar fid-dawl tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi Qafas Ġenerali għal Trattament Ugwali fl-Impjieg (2000/78/EC) u l-fatt li l-Kummissjoni kienet ilha ħames snin tħaddem din il-Liġi.

Il-Kummissjoni ppreżentat numru ta' emendi għal din il-Liġi lill-Onor Dolores Cristina, Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali. Kopja ta' dawn l-emendi qiegħda fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org. Hu ttamat li s-sena d-dieħla, li taħbat l-20 anniversarju tal-Kummissjoni u hi wkoll is-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs, il-Parlament Malti jerġa' jiddiskuti din il-Liġi u b'mod unanimu jemendaha ħalli tkun aktar effettiva u tilħaq aħjar l-għanijiet li għaliha saret.

## Kampanja ta' Għarfien

Il-Kummissjoni temmen li din il-Liġi tista' tkun aktar effettiva u li l-persuni b'diżabilità jistgħu jagħmlu użu aħjar minnha biex titwaqqaf id-diskriminazzjoni kontrihom. Għal dan il-għan il-Kummissjoni għamlet kampanja ta' għarfien biex il-pubbliku, b'mod speċjali l-persuni b'diżabilità, isiru jafu aktar dwarha. Din il-kampanja kienet tinkludi:

- riklami fil-gazzetti kollha ta' kuljum;
- riklami fuq l-istazzjonijiet tar-radju u t-televixin;
- pubblikazzjoni ta' ktejjeb ta' tagħrif dwar din il-Liġi li jinkludi abbozz ta' ittra ta' lment;
- seminar għall-għaqdiet li jaħdmu f'dan il-qasam.

## Konklużjoni

Il-Kummissjoni, permezz tat-Taqsima Opportunitajiet Indaqs, wettqet din il-ħidma skond kif titlob l-istess liġi. Din it-Taqsima hi waħda żgħira ħafna u, barra mill-maniġer, jaħdmu direttament fiha hemm ukoll is-sur Elvin Sciberras u, fuq bażi part-time, Dr Doreen Clarke LL.D, il-konsulent legali tal-Kummissjoni.

**Fred Bezzina**
*Direttur Eżekuttiv*
*Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità*

**Marianne Debono**
*Maniġer Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs*

# ILMENTI IMPORTANTI

F'din it-taqsima, il-Kummssjoni se tagħti rendikont fil-qosor ta' l-ilmenti prinċipali li ħadmet fuqhom matul din is-sena. Dawn se jinqasmu fi tliet taqsimiet:

a) ilmenti magħluqa għax tkun instabet soluzzjoni;
b) ilmenti li dwarhom għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet;
c) ilmenti li spiċċaw quddiem il-Qorti.

L-ordni kif inhuma mniżżla l-ilmenti hu mqassam b'tali mod li l-ewwel jidhru l-ilmenti relatati max-xogħol, imbagħad l-edukazzjoni, l-aċċessiblità, l-għoti ta' servizzi u oġġetti, id-djar u l-assigurazzjoni.

## ILMENTI MAGĦLUQA

### Xogħol

1. **Impjegata mad-Diviżjoni tas-Saħħa**
   Il-Kummissjoni rċeviet ilment mingħand impjegata mad-Diviżjoni tas-Saħħa li talbet li, minħabba d-diżabilità tagħha, tingħata transfer għal post fejn ikun hemm anqas storbju. Wara diskussjoni mal-Kummissjoni, dan l-ilment ġie solvut u dan it-transfer ingħata.

2. **Impjegat mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali**
   Impjegat ma' dan id-Dipartiment ilmenta li hu kellu bżonn ta' telefon hands free minħabba d-diżabilità tiegħu. Wara diskussjoni mal-Kummissjoni, dan l-ilment ġie solvut u dan l-apparat ġie pprovdut.

### Edukazzjoni

1. **Interpreti tal-Lingwa tas-Sinjali fl-iMCAST**
   Kif ġie rrapportat is-sena l-oħra, il-Kummissjoni rċeviet ilment li 5 studenti neqsin mis-smigħ li kellhom bżonn interpretazzjoni tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija biex ikunu jistgħu isewgu korsijiet fl-iMCAST. Wara diskussjonijiet intensivi bejn il-Kummissjoni, l-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ (Malta) u l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ntlaħaq ftehim li bih il-Ministeru beda jixtri dan is-servizz mingħand l-Għaqda. B'hekk dawn l-istudenti setgħu jkomplu l-istudji tagħhom fl-iMCAST.

2. **L-Eżami ta' l-ECDL**
   Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-Malta Computer Society li torganizza l-eżamijiet ta' l-ECDL, minkejja li kien hemm qbil, ma għamlitx arranġamenti differenti għal dawn l-eżamijiet biex takkomoda persuni b'nuqqas intellettwali. Wara diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni, il-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità fl-Informatika (FITA) u din is-Soċjetà, dawn l-arranġamenti saru u għadd ta' persuni b'diżabilità intellettwali għamlu dawn l-eżamijiet b'suċċess.

3. **L-Aċċessibilità fl-Iskejjel**
   Il-Kummissjoni tirċievi diversi lmenti minħabba nuqqas ta' aċċessibilità fiżika fl-iskejjel, l-aktar f'dawk statali. Il-Kummissjoni żammet kuntatt kontinwu mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada u l-Ministeru ta' Għawdex, skond il-każ. Għalkemm il-progress seta' kien wieħed aktar mgħaġġel, il-Kummissjoni

tirreġistra li  matul din is-sena hi rnexxielha tagħlaq dawn l-ilmenti:

- L-iskola primarja tar-Rabat
- L-iskola primarja ta' l-Imqabba
- L-iskola primarja ta' Ħ'Attard
- L-iskola primarja tal-Ħamrun
- L-iskola M.A. Refalo, f'Victoria, Għawdex,
- Il-Kulleġġ ta' l-Arti, parti mill-iMCAST, f'Tarġa Gap.

## L-Aċċessibilità

**1. L-Aċċess għall-Karozzi u l-Parkeġġ Riservat fl-Imdina**

Il-Kummissjoni bdiet diskussjonijiet ma' l-awtoritajiet konċernati li kienu jinkludu l-Awtorità dwar it-Trasport, il-Ministeru ta' l-Intern u l-kunsill lokali, biex persuni b'diżabilità li għandhom il-Blue Sticker ikunu jistgħu jidħlu l-Imdina u biex ikun hemm għadd raġonevoli ta' parkeġġi riservati għalihom fl-Imdina. Din il-proposta ġiet aċċettata mill-partijiet kollha. Il-Ministeru ta' l-Intern bidel ir-regolament tat-traffiku, l-Awtorità dwar it-Trasport awtorizzat li jkun hemm żewġ parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilità u l-Kunsill Lokali ta' l-Imdina għamel is-sinjali tat-traffiku relevanti, li jinkludu sinjali fid-daħla ta' l-Imdina.

Il-Kummissjoni tħoss li dan hu żvilupp importanti ħafna għax jista' jservi ta' mudell kif għandna naħdmu meta partijiet mill-ibliet tagħna jingħalqu għat-traffiku, kif inhi l-Imdina.

**2. Il-Palazz, il-Belt Valletta**

Il-Kummissjoni ħadmet ħafna biex il-Palazz Presidenzjali fil-Belt Valletta jkollu lift li jirrendi partijiet sostanzjali minnu aċċessibbli għal kulħadd. Dan il-lift sar, iżda biex dan il-lift ikun jista' jintuża kien għad hemm tarġa li kellha rampa temporanja li ma kintx tajba. Il-Kummissjoni ħadmet ħafna biex issir rampa tajba li tkun dejjem fuq il-post. Wara diskussjoni ma' l-E.T. Dr E. Fenech Adami, President ta' Malta, din ir-rampa saret u ġiet inawgurata waqt il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità tas-sena 2005. Din ir-rampa saret tal-ħġieġ biex il-paviment sabiħ ta' l-art jibqa' jidher u jkun jista' jitgawda minn kulħadd.

**3. Il-Knejjes Parokkjali**

Wara diversi lmenti li l-knejjes ma humiex aċċessibbli għal kulħadd, il-Kummissjoni bdiet eżerċizzju biex tara li l-knejjes parrokkjali ta' l-anqas ikollhom l-entratura prinċipali aċċessibbli għal kulħadd. Matul din is-sena, il-Kummissjoni kkonkludiet dan l-eżerċizzju ma' numru żgħir ta' knejjes parrokkjali biex issa dawn għandhom l-entratura prinċipali raġonevolment aċċessibbli għal kulħadd. Dawn huma:

- il-kattidral ta' l-Imdina,
- il-knisja parrokkjali tal-Mosta,
- il-knisja parrokkjali tal-Għargħur,
- il-knisja parrokkjali tal-Għasri,
- il-knisja parrokkjali tan-Nadur.

**4. Dar il-Mediterran għall-Konferenzi**

Il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet mal-management ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi biex din issir aċċessibbli għal kulħadd. Saret rampa għall-bankina u għall-entratura prinċipali u ntlaħaq ftehim għat-

toilets. Sfortunatament meta saru t-toilets, il-bieb sar dejjaq u l-Kummissjoni insistiet li dan jitwessa'. Wara diskussjonijiet, il-management wessa' dan il-bieb biex issa dan iċ-Ċentru hu raġonevolment aċċessibbli għal kulħadd.

5. **Il-Bajja ta' San Ġorġ**
   Fl-2003, li kienet is-sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu impenjat ruħha li tagħmel tliet bajjiet aċċessibbli għal kulħadd. Waħda minn dawn il-bajjiet kellha tkun il-Bajja ta' San Ġorġ f'Paceville. Il-pjanti ġew ivvettjati mill-Kummissjoni, imma meta tlesta x-xogħol, kien hemm diversi punti li ma kinux skond il-linji gwida tal-Kummissjoni. Wara diskussjonijiet bejn l-Awtorità u l-Kummissjoni, l-Awtorità għamlet ċerti modifiki biex issa din il-bajja hi raġonevolment aċċessibbli għal kulħadd.

6. **Ir-Restaurant Latini, Marsalforn**
   Il-Kummissjoni rċeviet ilment li dan ir-restaurant, minkejja li l-pjanti tiegħu ġew ivvettjati mill-Kummissjoni u approvati, ma kienx aċċessibbli għal kulħadd. Wara diskussjonijiet pjuttost twal, li kienu jinkludu l-preżentazzjoni ta' protest ġudizzjarju, il-management ta' dan ir-restaurant għamel rampi raġonevoli biex hekk issa dan ir-restaurant għandu entratura aċċessibbli għal kulħadd.

## L-Għoti ta' Oġġetti u Servizzi

1. **Trasport Aċċessibbli għall-Iskejjel tal-Knisja u għal dawk Indipendenti**
   Kif diġà ħabbarna fir-rapport tas-sena l-oħra, il-Kummissjoni rċeviet ilment mingħand il-ġenituri ta' student li jattendi skola tal-Knisja, fejn il-kumpanija Paramount, li tipprovdi trasport għall-istudenti ta' dan il-kulleġġ, ma kinitx qed tipprovdi dan is-servizz lil dan l-istudent b'diżabilità. Wara diskussjonijiet bejn din il-kumpanija, il-ġenituri ta' dan l-istudent u l-Kummissjoni, dan is-servizz beda jingħata.

   Il-Kummissjoni rċeviet ilmenti oħra ta' dan it-tip u għalhekk kitbet lill-iskejjel kollha tal-Knisja u dawk indipendenti biex tinfurmahom li studenti b'diżabilità għandhom dritt għal trasport aċċessibbli u li huma obbligati li jgħaddu din l-informazzjoni lill-istudenti konċernati.

2. **Il-Magażin Flimkien**
   Il-Kummissjoni kellha lment li l-magażin Flimkien, maħruġ mill-Kulleġġ tal-Kappillani u li jitqassam f'numru kbir ta' parroċċi, ma kienx aċċessibbli għal persuni neqsin mid-dawl. Il-Kummissjoni ressqet dan l-ilment u wara diskussjonijiet, dan il-magażin issa jista' jinkiseb mingħand il-kappillani fuq awdjo.

3. **Websajt Aċċessibbli**
   Wara diversi lmenti, il-Kummissjoni, flimkien mal-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità fl-Informatika (FITA), bdiet eżerċizzju biex il-websajts ta' entitajiet kbar ikunu aċċessibbli għal kulħadd billi jiġu segwiti standards internazzjonali. Matul din is-sena, ġew ikkonfermati li l-websajts ta' dawn l-entitajiet huma aċċessibbli għal kulħadd:
   - diversi dipartimenti governattivi
   - il-Korporazzjoni Enemalta
   - l-HSBC
   - il-Maltacom.

4. **Statements u Kontijiet Aċċessibbli**
Il-Kummissjoni rċeviet diversi lmenti li diversi entitajiet kbar ma jipprovdux servizz biex statements tagħhom ikunu aċċessibbli għal persuni li għandhom nuqqas ta' vista. Dan jista' jsir billi dawn il-persuni jingħataw l-istess dokument b'tipa kbira meta jagħmlu talba għalih. Ħafna minn dawn l-entitajiet qablu li jagħmlu dan imma kien hemm diffikultà biex jagħtu pubbliċità xierqa lil dan is-servizz ġdid. S'issa ntlaħaq ftehim mal-Melita Cable biex dawn joħorġu fuljett f'dan is-sens u jintbagħat lill-persuni kollha reġistrati mal-Kummissjoni.

Il-gvern ukoll, permezz ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ħareġ ċirkulari lid-diretturi kollha tiegħu (anke dawk parastatali) biex jassigura li l-informazzjoni li toħroġ minn kull entità tiegħu tkun aċċessibbli, b'mod raġonevoli, għal kulħadd.



## ILMENTI LI GĦADHOM QED JIĠU DISKUSSI

### Ix-Xogħol

**Impjegat mal-MIA**
Il-Kummissjoni rċeviet ilment mingħand impjegat b'nuqqas ta' smigħ mal-MIA minħabba li hu ma kienx qed jingħata interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali waqt l-istaff meetings u dwar l-għoti ta' l-overtime. Filwaqt li l-kumpanija verbalment aċċettat li tibda tipprovdi l-interpretazzjoni waqt l-istaff meetings, hi għadha ma kkonfermatx dan bil-miktub. Rigward it-tieni lment, il-Kummissjoni għadha qed tinvestiga.

### L-Edukazzjoni

1. **Meta l-Facilitator Tkun Assenti fl-Iskejjel tal-Knisja**
Il-Kummissjoni rċeviet diversi lmenti li xi studenti b'diżabilità fl-iskejjel tal-Knisja kienu qed jintbagħtu d-dar meta l-facilitator tkun assenti. Il-Kummissjoni bdiet diskussjonijiet mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni tal-Knisja Maltija biex huma jipprovdu pool żgħir ta' facilitators biex dawn jissostitwixxu skond il-bżonn il-facilitators li jkunu assenti u meta l-istudent ma jkunx jista' jibqa' waħdu fil-klassi. Minkejja diversi tentattivi, dan il-ftehim ma ntlaħaqx u s-Segretarjat fl-aħħar argumenta li din hi responsabilità ta' l-iskejjel individwali.

Il-Kummissjoni temmen li l-iskejjel għandhom responsabilità bil-Liġi li jipprovdu s-sapport raġonevoli biex studenti b'diżabilità jieħdu l-edukazzjoni tagħhom u li dawn l-iskejjel qed jiddiskriminaw meta jibagħtu dawn l-istudenti d-dar mingħajr ma joffru alternattiva raġonevoli. Għalhekk, il-

Kummissjoni se tkompli taħdem biex tinstab soluzzjoni ġusta għal din il-problema.

2. **L-Aċċessibilità fl-Iskejjel tal-Gvern**
Il-Kummissjoni kellha diversi lmenti li skejjel ta' l-istat mhumiex aċċessibbli għal kulħadd minkejja li hemm studenti b'diżabilità fiżika jattendu fihom. Għalkemm kien hemm xi skejjel fejn din il-problema ġiet solvuta, il-Kummissjoni għadha qed tiddiskuti mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada u/jew il-Ministeru ta' Għawdex, skond il-każ, l-aċċessibilità f'dawn:
    - L-iskola primarja, Victoria Għawdex
    - L-iskola sekondarja Ninu Cremona, Victoria, Għawdex
    - L-iskola primarja ta' San Pawl il-Baħar
    - L-iskola primarja ta' San Ġiljan.

3. **L-Għoti tal-Mediċina fl-Iskejjel Regolari**
Il-Kummissjoni kellha diversi lmenti li studenti b'diżabilità ma kinux qed jingħataw il-mediċina li għandhom bżonn meta jkunu l-iskola bil-konsegwenza li jew il-ġenituri jkollhom imorru huma biex jagħtu din il-mediċina jew inkella dawn l-istudenti jibqgħu għal ċertu ħin mingħajr il-mediċina li għandhom bżonn.

    Il-Kummissjoni għarfet li din hi issue delikata u komplessa ħafna u għalhekk qablet li titwaqqaf task force biex tistudja din l-issue u tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha. Din it-task force twaqqfet u kienet komposta minn rappreżentanti tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, il-Ministeru tas-Saħħa u l-Kummissjoni stess. Din it-task force lestiet dan ir-rapport li ġie ppreżentat lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Min-naħa tiegħu dan talab ċerti pariri mill-Avukat Ġenerali tar-Repubblika.

    Sfortunatament, il-Kummissjoni għad ma għandha l-ebda reazzjoni uffiċjali dwar dan ir-rapport mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, minkejja li l-Kummissjoni kitbet diversi drabi, anki permezz tal-konsulent legali tagħha.

    Il-Kummissjoni se tkompli taħdem bil-modi kollha li tippermettilha l-Liġi biex din il-problema pjuttost kbira għal ċerti persuni b'diżabilità u l-familja tagħhom tiġi solvuta.

4. **L-Arranġamenti Speċjali għall-Eżamijiet**
Il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tagħha biex studenti b'diżabilità jkollhom opportuntitajiet indaqs waqt l-eżamijiet permezz ta' arranġamenti speċjali kemm għall-eżamijiet ta' l-Università, kemm dawk pubbliċi kif ukoll dawk li jsiru fl-iskejjel. Minkejja li sar ħafna progress, il-Kummissjoni kompliet tirċievi lmenti individwali dwar dan.

    Il-Kummissjoni kompliet tirrakkomanda li għandu jkun hemm kriterji ċari magħrufa minn dawk kollha kkonċernati dwar dawn l-arranġamenti u li dawn l-arranġamenti jkunu l-istess kemm għad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni kif ukoll għall-Università ta' Malta.

    L-Università ta' Malta fil-preżent għaddejja minn riorganizzazzjoni tal-Kumitat intern tagħha dwar l-istudenti b'diżabilità li, fost affarijiet oħra, jieħu ħsieb dawn l-

arranġamenti. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem ma' dan il-Kumitat u mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni biex kemm jista' jkun dawn il-problemi jiġu solvuti fl-iqsar żmien possibbli.

## L-Aċċessibilità

1. **Proġetti Kbar tal-Gvern**
   Il-Kummissjoni rċeviet numru sostanzjali ta' lmenti li proġetti kbar tal-gvern ma kinux qed isiru aċċessibbli għal kulħadd. Dawn kienu jinkludu t-toroq li saru mill-protokol Taljan u bajjiet li kienu qed jiġu riabilitati mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu. Din il-problema ġiet anki rikonoxxuta mill-gvern tant li fid-diskors tal-baġit għas-sena 2005, il-Prim Ministru kien qal bla tlaqliq li ma kienx sodisfatt b'dak li kien qed jiġri tant li ppropona proċedura biex fejn "il-livelli ta' aċċessibilità fi proġetti ġodda (tal-gvern) ma jilħqux il-livell stipulat fil-linji gwida 'Access for All' (tal-Kummissjoni) dawn l-entitajiet jitilfu parti mill-finanzjament tagħhom."

   Il-Kummissjoni kellha laqgħa mal-Prim Ministru u fost affarijiet oħra ġiet diskussa din il-proposta u kif tista' tiġi implimentata. Id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin u l-Kummissjoni se tkompli taħdem biex dawn il-proġetti jkunu verament aċċessibbli għal kulħadd.

2. **L-Aċċessibilità fit-Toroq**
   Il-Kummissjoni kompliet tirċievi numru sostanzjali ta' lmenti dwar nuqqas ta' aċċessibilità fit-toroq, l-aktar dawk li jkunu qed isiru mill-ġdid. Dawn l-ilmenti jkunu indirizzati primarjament kontra l-Awtorità dwar it-Trasport fil-każ tat-toroq arterjali u kontra l-kunsilli lokali fil-każ ta' toroq residenzjali. Ilment partikulari kien jirrigwarda t-toroq il-ġodda li saru permezz tal-Protokol Taljan u li fihom il-livell ta' aċċessibilità kien relattivament baxx, għalkemm wara interventi mill-Kummissjoni dan tjieb xi ftit.

   Il-Kummissjoni kellha diversi laqgħat anki maċ-Chief Executive ta' l-Awtorità dwar it-Trasport fuq din il-problema imma l-Kummissjoni tħoss li l-problema għadha ma ġietx indirizzata b'mod sistematiku u effettiv. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex din il-problema titjieb sal-massimu possibbli.

3. **Ir-Reġistru Pubbliku**
   Il-Kummissjoni rċeviet ilment li r-Reġistru Pubbliku fil-Belt Valletta dan l-aħħar bidel l-entratura prinċipali tiegħu u din baqgħet mhux aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni qed tinsisti li kellu jsir sforz raġonevoli biex la nbidlet l-entratura, din issir aċċessibbli għal kulħadd. Id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin.

4. **L-Uffiċċji Distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali**
   Il-Kummissjoni kellha lmenti li numru ta' uffiċċji distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ma kinux aċċessibbli għal kulħadd. Intlaħaq qbil bejn il-Kummissjoni u d-Dipartiment konċernat biex dan ta' l-aħħar jagħmel eżerċizzju biex jara x'hemm bżonn isir b'mod raġonevoli biex titjieb l-aċċessibilità f'dawn l-uffiċċji.

5. **Il-Kantin tar-Residenza San Vinċenz de Paule**
   Il-Kummissjoni rċeviet ilment

li dan il-kantin m'għandux entratura aċċessibbli għal kulħadd. Dan il-kantin jitmexxa mill-privat f'isem id-Dipartiment ta' l-Anzjani waqt li s-sid ta' l-art hu d-Dipartiment ta' l-Artijiet. Il-Kummissjoni qed tinsisti li hi responsabilità tad-Dipartiment ta' l-Anzjani li jara li dan il-kantin ikun aċċessibbli għall-klijenti tiegħu. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex dan iseħħ fl-iqsar żmien possibbli.

6. **Il-Bini Evans**
Il-Kummissjoni ilha tinsisti li dan il-bini jsir aċċessibbli għal kulħadd l-aktar minħabba l-fatt li fih, fost entitajiet oħra, hemm l-Occupational Health Unit tad-Diviżjoni tas-Saħħa li topera minnu. Il-Kummissjoni temmen bis-sħiħ li, bħala prijorità, is-servizzi tas-saħħa għandhom jiġu pprovduti minn bini aċċessibbli għal kulħadd. Matul din is-sena bdiet tiġi esplorata l-possibilità li l-entratura prinċipali għal din il-bini tkun minn wara, fejn hemm l-Uffiċċju Elettorali. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex dan il-bini jsir aċċessibbli għal kulħadd.

7. **Il-Bini tal-PBS**
Il-Kummissjoni ilha taħdem biex dan il-bini jsir aċċessibbli għal kulħadd. Il-management issa spjega li huma għandhom pjanijiet biex jitwaqqa' l-bini eżistenti u jitla' bini ġdid li jkun aċċessibbli għal kulħadd. Għaldaqstant il-Kummissjoni aċċettat li fuq bażi temporanja jkun hemm dħul aċċessibbli għal kulħadd fuq in-naħa ta' wara ta' TV House.

8. **L-Aula Magna, fl-Università l-Antika**
Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-Aula Magna ta' l-Università l-Antika fil-Belt, Valletta, fejn isiru diversi laqgħat u konferenzi, ma kinitx aċċessibbli għal kulħadd. Id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin dwar dan l-ilment.

9. **It-Tribunal Reġjonali f'Ħal Qormi**
Il-Kummissjoni bdiet eżerċizzju biex it-Tribunali Reġjonali jiffunzjonaw minn bini aċċessibbli għal kulħadd. Dawn issa hekk huma għajr dak ta' Ħal Qormi. Il-problema prinċipali hi li l-kunsill lokali lest li jagħmel ix-xogħol neċessarju wara li l-gvern ċentrali jgħaddi l-bini konċernat f'idejn il-kunsill. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex din il-problema tissolva fl-iqsar żmien possibbli.

10. **L-Aċċessibilità fil-Knejjes Parrokkjali**
Kif diġà spjegajna, il-Kummissjoni bdiet eżerċizzju biex ta' l-anqas l-entratura prinċipali tal-knejjes parrokkjali tkun aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni rreġistrat progress f'numru ta' knejjes waqt li f'oħrajn għadhom għaddejjin diskussjonijiet li ħafna drabi jieħdu fit-tul ħafna aktar milli nħossu li hemm bżonn.

Fil-każ tad-Djoċesi ta' Għawdex, il-Kummissjoni kellha laqgħa ma' l-Isqof il-ġdid, l-E.T Mons Mario Grech, tant li ġie deċiż li hu se jieħu f'idejh din l-issue. Sfortunatament, wara din il-laqgħa ftit li xejn sar progress u l-Kummissjoni issa ilha li reġgħet talbet laqgħa oħra miegħu. Il-Kummissjoni għadha qed tiddiskuti l-knejjes ta' dawn il-parroċċi

f'Għawdex: l-Għarb, San Ġorġ, Victoria u x-Xagħra.

Fil-każ tad-Djoċesi ta' Malta, il-Kummissjoni qed tinvestiga jew tiddiskuti l-knejjes parrokkjali ta' dawn il-parroċċi: l-Iklin, Ħal Lija, il-Manikata, Ħal Luqa, il-Marsa (it-Trinità u ta' Lourdes), Fleur-de-Lys, Ta' l-Ibraġ, il-Ħamrun (il-Kunċizzjoni u San Gejtanu), il-Balluta, Burmarrad, Ħad-Dingli, il-Fgura, il-Floriana, Gwardamanġa, Ħal Balzan u Ħ'Attard.

**11. L-Istabilimenti Turistiċi**

Il-Kummissjoni tirċievi diversi lmenti dwar nuqqas ta' aċċessibilità fi stabilimenti turistiċi. Matul din is-sena l-Kummissjoni bdiet u għadha tiddiskuti dawn l-ilmenti:

- Il-Lukanda Riviera, fiċ-Ċirkewwa, dwar l-aċċessibilità għall-pizzerija u għall-pool;
- Il-Lukanda Waterfront, il-Gżira, dwar l-aċċessibilità għat-tojlits;
- Il-Lukanda Westin Dragonara, Paceville, dwar l-aċċessibilità għat-tojlits;
- Il-Lukanda Hilton, Paceville, dwar l-aċċessibilità għar-restaurants;
- Il-Waterfront, f'Ta' Pintu, dwar l-aċċessibilità għax-xatt u numru ta' ħwienet;
- Il-Waterfront, il-Kottonera, dwar l-aċċessibilità għat-toroq.

**12. Is-Swali taċ-Ċinema**

Wara l-ilmenti li kellha, il-Kummissjoni kompliet taħdem biex is-swali taċ-ċinema ta' l-Eden Century, f'Paceville, u ta' l-Empire, f'Buġibba, ikunu aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni laħqet ftehim li sa l-aħħar ta' din is-sena jkun hemm titjib raġonevoli fl-aċċessibilità ta' l-Eden Century waqt li fir-rigward ta' l-Empire bdew id-diskussjonijiet.

## L-Għoti ta' Servizzi u Oġġetti

**1. Websajt Aċċessibbli**

Kif diġa' spjegajna, wara diversi lmenti, il-Kummissjoni flimkien mal-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità fl-Informatika (FITA), bdiet eżerċizzju biex il-websajts ta' entitajiet kbar ikunu aċċessibbli għal kulħadd billi jiġu segwiti standards internazzjonali. Matul din is-sena, il-Kummissjoni u l-FITA komplew bid-diskussjonijiet biex il-websajt ta' dawn l-entitajiet isiru aċċessibbli għal kulħadd. L-entitajiet involuti huma:

- Il-Knisja ta' Malta;
- Il-Knisja ta' Għawdex;
- Il-Melita Cable;
- Il-Water Services Corporation,
- il-Bank of Valletta;
- Vodafone.

Il-gvern, permezz ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ukoll ħareġ ċirkulari lid-diretturi kollha tiegħu (anke dawk parastatali) biex jassigura li l-websajts tagħhom tkun aċċessibbli għal kulħadd. Sfortunatament, il-linji gwida kkwotati f'din iċ-ċirkulari mhumiex adegwati u għalhekk il-Kummissjoni qed tkompli bid-diskussjonijiet dwar dan.

**2. Statements u Kontijiet Aċċessibbli**

Il-Kummissjoni, kif diġà rrappurtat f'parti oħra ta' dan ir-rapport, irċeviet diversi lmenti li numru ta' entitajiet kbar ma jipprovdux servizz biex statements tagħhom ikunu aċċessibbli għal persuni li għandhom nuqqas ta' vista. Dan jista' jsir billi dawn l-istatements jingħataw b'tipa kbira meta xi klijent

jagħmel talba għal dan. Dawn l-entitjiet qablu li jagħmlu dan imma kien hemm diffikultà biex jagħtu pubbliċità xierqa lil dan is-servizz ġdid. Id-diskussjonijiet dwar dan għadhom għaddejjin ma' dawn l-entitajiet:

- Il-Water Services Corporation;
- L-HSBC;
- Il-Bank of Valletta;
- Il-Maltacom;
- Vodafone.

**3. Persuni li Għandhom il-Karta ta' l-Identità Speċjali**
Il-Kummissjoni rċeviet ilmenti li persuni b'diżabilità li għandhom il-Karta ta' l-Identità Speċjali ma kinux qed jingħataw prijorità fl-għoti tas-servizz. Dawn l-ilmenti kienu jirrigwardaw il-Bank of Valletta, l-HSBC u l-isptarijiet.

Il-problema prinċipali hi li mhux kull persuna b'diżabilità li għandha din il-Karta għandha bżonn dan is-servizz. Il-Kummissjoni laħqet ftehim ma' l-awtoritajiet ta' l-isptarijiet biex dan is-servizz jingħata fuq ċerti kriterji u mhux awtomatikament lil kull min għandu din il-Karta. Maż-żewġ entitajiet l-oħra, id-diskussjonijiet għadhom sejrin biex tinstab l-aħjar soluzzjoni.

**4. Il-Mediterraneo Marine Park**
Il-Kummissjoni rċeviet ilment mingħand il-ġenituri ta' tifel b'diżabilità li allegaw li t-tifel tagħhom ma tħalliex jinżel jgħum mad-delfini. Il-Kummissjoni bdiet tinvestiga u qed taħdem biex din il-problema tiġi solvuta.

## IL-QORTI

### L-Aċċessibilità

**1. Id-Diviżjoni tas-Saħħa**
Is-sena l-oħra, il-Kummissjoni fetħet kawża kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa minħabba li

a) il-faċilitajiet kollha fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira qegħdin fit-tieni sular u m'hemmx lift.
b) ma kienx hemm faċilitajiet sanitarji aċċessibbli għal kulħadd fid-Dipartimenti ta' l-Out-Patients u ta' l-Emerġenza ta' l-Isptar San Luqa.

Wara diskussjonijiet barra l-Qorti, il-Kummissjoni rnexxielha tilħaq ftehim mal-management il-ġdid ta' l-Isptar San Luqa biex issa t-tojlits fid-Dipartiment ta' l-Out Patients u ta' l-Emerġenza saru raġonevolment aċċessibbli għal kulħadd.

Il-Kummissjoni ma rnexxilhiex tilħaq ftehim dwar iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira u l-kawża quddiem il-Qorti dwar dan iċ-Ċentru għadha għaddejja.

**2. L-Aċċessibilità għall-Istabiliment ta' Michele Peresso**
Il-Kummissjoni fetħet kawża kontra dan l-istabiliment li jbigħ prodotti għall-użu speċifiku ta' persuni b'diżabilità minħabba li l-bini minn fejn jopera ma kienx aċċessibbli skond il-Linji Gwida tal-Kummissjoni. Il-kawża nqatgħet favur il-Kummissjoni u l-Qorti sabet li din il-kumpanija hi ħatja ta' diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabilità skond il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) u ġiet ordnata biex fi żmien ġimagħtejn tapplika għall-permessi neċessarji mill-MEPA u fi żmien

xahrejn mill-ħruġ ta' dan il-permess tagħmel ix-xogħol neċessarju. Sfortunatament, il-kumpanija ddeċidiet li tappella minn din is-sentenza.

Din il-kumpanija matul din is-sena talbet lill-Kummissjoni biex flok tirranġa r-rampa li hi għandha għall-entratura prinċipali, tagħmel platform lift fuq barra. Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-proposta minħabba li skond kif jgħidu l-istess Linji Gwida tagħha, platform lifts huma aċċettati biss meta rampa jew lifts normali ma jkunux jistgħu jsiru - li hawn mhux il-każ. Għalhekk l-appell għadu quddiem il-Qorti.

3. **L-Aċċess għal Dar l-Istudent, l-Università ta' Malta**

Il-Kummissjoni kienet fetħet kawża kontra l-Università ta' Malta biex Dar l-Istudent issir aċċessibbli għal kulħadd. Il-Qorti qatgħet din il-kawża favur il-Kummissjoni u ordnat li fi żmien xahrejn jiġi installat platform lift mill-entratura għall-ewwel sular ta' dan il-bini u li l-entratura ssir aċċessibbli għal kulħadd.

L-Università appellat minn din is-sentenza waqt li komplew id-diskussjonijiet bejn iż-żewġ naħat, tant li ntlaħaq ftehim biex fi żmien sitt xhur jiġi installat lift li jkopri s-sulari kollha ta' dan il-bini. Dan il-lift sar.

Il-Kummissjoni kompliet bid-diskussjonijiet ma' l-Awtoritajiet ta' l-Università biex ikun hemm sistema bl-interkom biex min juża dan il-lift ikun jista' jidħol u biex ikun hemm tojlits aċċessibbli fil-livell tal-kantin.

Għalkemm sar qbil dwar dawn iż-żewġ miżuri, ta' l-ewwel saret waqt li tat-tieni għadha le. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex dan isir.

4. **Il-Lukanda Calypso**

Il-Kummissjoni kellha lment li wara li sar l-immodernizzar ta' din il-lukanda f'Marsalforn, Għawdex, din ma kinitx aċċessibbli għal kulħadd. Meta investigat, il-Kummissjoni sabet li dan l-ilment kien wieħed ġustifikat. Il-management kien bagħat il-pjanti ta' dan l-immodernizzar lill-Kummissjoni. Għall-ewwel ma kinux skond il-Linji Gwida tal-Kummissjoni imma wara ġew immodifikati biex saru tajbin u b'hekk seta' joħroġ il-permess tal-MEPA.

Il-perit tal-Kummissjoni, bi qbil mal-management, għamel access audit tat-tibdil meħtieġ. Il-Kummissjoni talbet għall-proposti tal-management biex isir dan it-tibdil fi żmien raġonevoli imma dan naqas li jagħmel dan anki wara li l-Kummissjoni ppreżentat protest ġudizzjarju fil-Qorti ta' Għawdex.

Għalhekk il-Kummissjoni ma kellha l-ebda triq oħra għajr li tiftaħ kawża kontra l-management ta' din il-lukanda.

## L-Għoti ta' Servizzi u Oġġetti

1. **L-Użu ta' l-SMS u l-Kumpanija SBT**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment mill-Għaqda tal-Persuni Neqsin mis-Smigħ biex is-servizzi ta' l-SBT ikunu aċċessibbli għal membri neqsin mis-smigħ permezz ta' l-SMS. Għalhekk, il-Kummissjoni talbet lill-kumpaniji kollha li joffru dan is-servizz biex jagħmlu dan. Il-kumpaniji

kollha aċċettaw għajr l-SBT. Din ipprovdiet numru ta' telefon mobile imma ma aċċettatx li l-Kummissjoni tagħti pubbliċità lil dan in-numru. Il-Kummissjoni ma qablitx u għalhekk il-kawża kompliet. Eventwalment, instab kompromess aċċettabbli għaż-żewġ naħat u hekk il-kawża ma tkomplietx.



# LISTA TA' L-ILMENTI KOLLHA

## IX-XOGĦOL - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Qasam | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Xogħol | Gvern | Magħluq | Gvern | Kundizzjonijiet ta' xogħol - sigħat imnaqqsa | Diċ 2005 |
| 2 | Xogħol | Gvern | Magħluq | Dipartiment tas-Saħħa | Xogħol f'ambjent kwiet minħabba d-dizabilità | Frar 2006 |
| 3 | Xogħol | Gvern | Magħluq | Ministeru tal-Familja | Apparat addattat - hands free telephone | Mej 2006 |
| 4 | Xogħol | Privat | Magħluq | Beautician | Toilet aċċessibbli fuq il-post tax-xogħol | Mej 2006 |
| 5 | Xogħol | Privat | Magħluq | McDonald's | Integrazzjoni ta' ħaddiem b'diżabilità intellettwali fuq ix-xogħol | Lul 2006 |
| 6 | Xogħol | Para | Diskuss | MIA | Interpretazzjoni tal-Lingwa tas-Sinjali waqt staff meetings u overtime | Aws 2006 |

## L-EDUKAZZJONI - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Qasam | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Eduk | Gvern | Diskuss | Div ta' l-Edukazzjoni | Nuqqas ta' għoti ta' mediċini fl-iskejjel | Jan 2003 |
| 2 | Eduk | Gvern | Diskuss | Div ta' l-Edukazzjoni | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-iskola primarja Victoria | Mar 2003 |
| 3 | Eduk | Gvern | Magħluq | Div ta' l-Edukazzjoni | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-iskola Ninu Cremona Victoria | Diċ 2003 |
| 4 | Eduk | Gvern | Magħluq | Fond Skejjel t'Għada | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-iskola | Nov 2004 |
| 5 | Eduk | Gvern | Magħluq | Div ta' l-Edukazzjoni | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-iskola primarja u l-librerija Rabat, Malta | Diċ 2004 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Eduk | Gvern | Magħluq | Div ta’ l-Edukazzjoni | Nuqqas ta’ aċċessibilità fl-iskola Sir Mikelanġ Refalo, Victoria | Frar 2005 |
| 7 | Eduk | Gvern | Magħluq | Div ta’ l-Edukazzjoni | Nuqqas ta’ aċċessibilità fl-iskola Tereza Nuzzo il-Marsa | Mar 2005 |
| 8 | Eduk | Gvern | Diskuss | Fond Skejjel t’Għada | Nuqqas ta’ aċċessibilità fl-iskola Primarja ta’ San Pawl il-Bahar | Mar 2005 |
| 9 | Eduk | Para | Magħluq | MCAST | Nuqqas ta’ interpreti tal-Lingwa tas-Sinjali | Mej 2005 |
| 10 | Eduk | Gvern | Magħluq | Div ta’ l-Edukazzjoni | Nuqqas ta’ inklużjoni fl-attivitajiet ta’ l-iskola | Lul 2005 |
| 11 | Eduk | Gvern | Magħluq | Fond Skejjel t’Għada | Nuqqas ta’ aċċessibilità fl-iskola | Aws 2005 |
| 12 | Eduk | Knisja | Magħluq | Kulleġġ De La Salle | Jintbagħat id-dar meta l-facilitator tkun assenti | Set 2005 |

## L-EDUKAZZJONI - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Qasam | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Eduk | Para | Magħluq | MCAST | Bżonn ta’ facilitator | Ott 2005 |
| 14 | Eduk | Gvern | Magħluq | Div ta’ l-Edukazzjoni | Studenta tintbagħat id-dar meta l-facilitator tkun assenti | Ott 2005 |
| 15 | Eduk | Gvern | Magħluq | Div ta’ l-Edukazzjoni | Student b’diżabilità mhedded li jitkeċċa | Ott 2005 |
| 16 | Eduk | Gvern | Diskuss | Fondazzjoni Skejjel t’Għada | Nuqqas ta’ aċċessibilità fl-iskola primarja ta’ San Giljan | Ott 2005 |
| 17 | Eduk | Gvern | Magħluq | Div ta’ l-Edukazzjoni | Xogħol tal-facilitator | Ott 2005 |
| 18 | Eduk | Gvern | Magħluq | Div ta’ l-Edukazzjoni | Il-livell tat-tagħlim | Ott 2005 |
| 19 | Eduk | Gvern | Magħluq | Div ta’ l-Edukazzjoni | Il-livell tat-tagħlim | Nov 2005 |
| 20 | Eduk | Gvern | Magħluq | Fond Skejjel t’Għada | Nuqqas ta’ aċċessibilità fl-iskola primarja ta’ l-Imqabba | Nov 2005 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Eduk | Para | Magħluq | MCAST | Nuqqas ta’ aċċessibilità fl-Istitut ta’ l-Arti ta’ Tarġa Gap | Diċ 2005 |
| 22 | Eduk | Para | Magħluq | Università ta’ Malta | Arranġamenti speċjali waqt l-eżami | Diċ 2005 |
| 23 | Eduk | Gvern | Magħluq | Div ta’ l-Edukazzjoni | Trasport għall-iskola | Diċ 2005 |
| 24 | Eduk | Para | Diskuss | Univeristà ta’ Malta | Arranġamenti speċjali waqt l-eżami | Jan 2006 |
| 25 | Eduk | Gvern | Magħluq | Div ta’ l-Edukazzjoni | Arranġamenti speċjali waqt l-eżamijiet fl-iskola tal-Hamrun | Frar 2006 |
| 26 | Eduk | Knisja | Magħluq | Sacred Heart School | Xogħol tal-facilitator | Frar 2006 |
| 27 | Eduk | Gvern | Magħluq | Fond Skejjel t’Għada | Aċċessibilità fil-Kullegg San Benedittu | Mar 2006 |
| 28 | Eduk | Gvern | Magħluq | Fond Skejjel t’Għada | Aċċessibilità fl-iskola l-ġdida f’Tal-Ħandaq | Mar 2006 |
| 29 | Eduk | Privat | Magħluq | Malta Computer Society | Karti ta’ l-eżamijiet ta’ l-ECDL m’humiex aċċessibbli | Mar 2006 |
| 30 | Eduk | Knisja | Diskuss | Knisja ta’ Malta | Trasport ta’ l-iskejjel tal-Knisja | Mar 2006 |
| 31 | Eduk | Knisja | Magħluq | Skola tal-Knisja | Bżonn ta’ facilitator full-time | Mar 2006 |
| 32 | Eduk | Gvern | Magħluq | Div ta’ l-Edukazzjoni | Trasport ta’ l-Iskolasajf | Aprl 2006 |
| 33 | Eduk | Gvern | Magħluq | KNPD | Għajnuna mill-Programm PEKTUR | Mej 2006 |
| 34 | Eduk | Knisja | Magħluq | Skola tal-Knisja | Xogħol tal-facilitator | Ġun 2006 |
| 35 | Eduk | Knisja | Diskuss | Skola tal-Knisja | Studenta b’diżabilità tintbagħat id-dar meta l-facilitator tkun assenti | Aws 2006 |
| 36 | Eduk | Gvern | Magħluq | Div ta’ l-Edukazzjoni | Bżonn ta’ facilitator | Set 2006 |

# L-AĊĊESSIBILITÀ - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Qasam | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Aċċess | Privat | Qorti | Michele Peresso | Nuqqas ta' aċċessibilità | Aprl 2000 |
| 2 | Aċċess | Gvern | Magħluq | Sptar San Luqa | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-faċilitajiet sanitarji | Aprl 2000 |
| 3 | Aċċess | Gvern | Magħluq | Il-Palazz tal-President | Nuqqas ta' aċċessibilità mil-lift għall-kuritur | Ġun 2000 |
| 4 | Aċċess | Gvern | Diskuss | Div tas-Saħħa | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-entratura prinċipali ta' Evans Building | Nov 2000 |
| 5 | Aċċess | Knisja | Magħluq | Il-Kattidral, l-Imdina | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-entratura prinċipali | Mar 2001 |
| 6 | Aċċess | Para | Diskuss | Università ta' Malta | Nuqqas ta' aċċessibilità għal Dar l-Istudent | Mar 2001 |
| 7 | Aċċess | Gvern | Magħluq | Dipartiment tal-VAT | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-entratura prinċipali | Mej 2001 |
| 8 | Aċċess | Gvern | Qorti | Div tas-Sahha | Nuqqas ta' lift fiċ-Ċentru tas-Saħħa, il-Gżira | Lul 2001 |
| 9 | Aċċess | Knisja | Magħluq | Parroċċa Mosta | Aċċessibilità fl-entratura prinċipali | Ott 2001 |
| 10 | Aċċess | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali Qormi | Nuqqas ta' aċċessibilità għat-Tribunal Reġjonali | Aws 2002 |
| 11 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Kunċizzjoni (Hamrun) | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-entratura prinċipali | Aws 2002 |
| 12 | Aċċess | Knisja | Magħluq | Parroċċa Għasri | Aċċessibilità fl-entratura prinċipali | Aws 2002 |
| 13 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Għarb | Aċċessibilità fl-entratura prinċipali | Aws 2002 |
| 14 | Aċċess | Para | Diskuss | Public Broadcasting Services | Nuqqas ta' aċċessibilità | Nov 2002 |
| 15 | Aċċess | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Valletta | Nuqqas ta' aċċessibilità għas-Suq tal-Belt | Frar 2003 |
| 16 | Aċċess | Privat | Diskuss | Każin tal-Banda San Ġwann | Nuqqas ta' aċċessibilità | Mar 2003 |
| 17 | Aċċess | Privat | Diskuss | Każin tal-Banda Sant'Antnin B'Kara | Nuqqas ta' aċċessibilità | Aws 2003 |
| 18 | Aċċess | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Mdina | Nuqqas ta' parkeġġ riservat fl-Imdina | Ott 2003 |
| 19 | Aċċess | Knisja | Magħluq | Parroċċa Nadur | Aċċessibilità fl-entratura prinċipali | Ott 2003 |
| 20 | Aċċess | Privat | Magħluq | Conimex | Nuqqas ta' aċċessibilità | Mar 2004 |
| 21 | Aċċess | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali Mġarr | Nuqqas ta' aċċessibilità | Mar 2004 |
| 22 | Aċċess | Gvern | Magħluq | Ministeru tat-Turiżmu | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Bajja ta' San Ġorġ | Mej 2004 |
| 23 | Aċċess | Privat | Diskuss | Lukanda Riviera | Nuqqas ta' aċċessibilità | Ġun 2004 |
| 24 | Aċċess | Privat | Diskuss | Valletta Waterfront | Nuqqas ta' aċċessibilità | Aws 2004 |
| 25 | Aċċess | Privat | Magħluq | Faces Consultants | Nuqqas ta' aċċessibilità f'bus shelter, Marsaskala | Ott 2004 |
| 26 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Balluta | Aċċessibilità fl-entratura prinċipali | Ott 2004 |
| 27 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Burmarrad | Aċċessibilità fl-entratura prinċipali | Ott 2004 |
| 28 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Dingli | Aċċessibilità fl-entratura prinċipali | Ott 2004 |
| 29 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Fgura | Aċċessibilità fl-entratura prinċipali | Ott 2004 |
| 30 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Floriana | Aċċessibilità fl-entratura prinċipali | Ott 2004 |
| 31 | Aċċess | Knisja | Magħluq | Parroċċa Għargħur | Aċċessibilità fl-entratura prinċipali | Ott 2004 |
| 32 | Aċċess | Privat | Qorti | Lukanda Calypso | Nuqqas ta' aċċessibilità | Nov 2004 |
| 33 | Aċċess | Privat | Diskuss | Eden Century Cinemas | Nuqqas ta' aċċessibilità | Nov 2004 |
| 34 | Aċċess | Para | Magħluq | Awtorità Dwar It-Trasport | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-bankini | Mej 2005 |
| 35 | Aċċess | Para | Diskuss | Awtorità Dwar It-Trasport | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-bankini | Lul 2005 |
| 36 | Aċċess | Privat | Magħluq | Il-Latini Restaurant | Nuqqas ta' aċċessibilità | Lul 2005 |
| 37 | Aċċess | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-bankini | Aws 2005 |
| 38 | Aċċess | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Dingli | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-bini ġdid tal-Kunsill Lokali | Aws 2005 |
| 39 | Aċċess | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Mosta | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-bankini | Set 2005 |
| 40 | Aċċess | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar | Nuqqas ta' parkeġġ riservat fix-Xemxija | Set 2005 |
| 41 | Aċċess | Privat | Diskuss | Lukanda Hilton | Nuqqas ta' aċċessibilità | Set 2005 |
| 42 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Santa Venera | Aċċessibilità fl-entratura prinċipali | Ott 2005 |

# L-AĊĊESSIBILITA' - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Qasam | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 43 | Aċċess | Para | Diskuss | Università ta' Malta | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-Aula Magna | Ott 2005 |
| 44 | Aċċess | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Gżira | Nuqqas ta' aċċessibilità għad-dar mill-bankina | Ott 2005 |
| 45 | Aċċess | Para | Magħluq | Awtorità dwar it-Trasport | Reserved parking bays quddiem residenzi privati | Nov 2005 |
| 46 | Aċċess | Gvern | Magħluq | Dipartiment tas-Saħħa | Nuqqas ta' reserved parking bays fl-Isptar San Luqa | Nov 2005 |
| 47 | Aċċess | Gvern | Diskuss | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-Uffiċċju Distrettwali tas-Sigurtà Soċjali | Nov 2005 |
| 48 | Aċċess | Gvern | Magħluq | Ministeru tat-Turiżmu | Aċċessibilità għall-Bajja ta' Buġibba | Jan 2006 |
| 49 | Aċċess | Para | Magħluq | Awtorità dwar it-Trasport | Reserved Parking quddiem residenzi privati | Jan 2006 |
| 50 | Aċċess | Privat | Magħluq | HSBC Bank | Aċċessibilità għall-fergħa tal-bank ta' l-Imsida | Jan 2006 |
| 51 | Aċċess | Privat | Magħluq | Teatru Aurora | Nuqqas ta' aċċessibilità għat-teatru | Frar 2006 |
| 52 | Aċċess | Privat | Diskuss | Westin Dragonara Resort | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-faċilitajiet sanitarji | Frar 2006 |
| 53 | Aċċess | Para | Magħluq | Awtorità dwar it-Trasport | Nuqqas ta' aċċessibilità minħabba traffic island | Frar 2006 |
| 54 | Aċċess | Privat | Diskuss | Empire Cinema Complex, | Nuqqas ta' aċċessibilità għat-teatru f'Buġibba | Mar 2006 |
| 55 | Aċċess | Gvern | Diskuss | Dipartiment ta' l-Anzjani | Nuqqas ta' aċċessibilità għall-kantin fl-Isptar San Vinċenz | Mar 2006 |
| 56 | Aċċess | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali Naxxar | Nuqqas ta' aċċessibilità fi Triq tas-Sgħajtar, in-Naxxar | Mar 2006 |
| 57 | Aċċess | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali Mosta | Nuqqas ta' aċċessibilità fi Triq l-Aħwa Galea il-Mosta | Mar 2006 |
| 58 | Aċċess | Para | Magħluq | Awtorità dwar it-Trasport | Nuqqas ta' aċċessibilità | Mar 2006 |
| 59 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa San Ġiljan | Nuqqas ta' aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Mar 2006 |
| 60 | Aċċess | Privat | Magħluq | Individwu | Aċċessibilità fi triq residenzjali | Aprl 2006 |
| 61 | Aċċess | Gvern | Diskuss | Rehabilitation Committee | Aċċessibilità fit-toroq tal-Grand Harbour Marina Vittoriosa | Aprl 2006 |
| 62 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa S. Gejtanu (il-Ħamrun) | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aprl 2006 |
| 63 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa S. Ġorġ (Victoria) | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aprl 2006 |
| 64 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Maria Bambina (Xagħra) | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aprl 2006 |
| 65 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa G'Manġa | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aprl 2006 |
| 66 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Ħal Balzan | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aprl 2006 |
| 67 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Ħ'Attard | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aprl 2006 |
| 68 | Aċċess | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali Mosta | Aċċess għall-istabbiliment Exalco | Ġun 2006 |
| 69 | Aċċess | Privat | Magħluq | Ristorant Ta' Soldi, l-Imġarr | Aċċess għar-ristorant u t-tojlit | Ġun 2006 |
| 70 | Aċċess | Privat | Diskuss | Waterfront Hotel, il-Gżira | Aċċessibilità għat-tojlit | Lul 2006 |
| 71 | Aċċess | Privat | Diskuss | Sala Sant'Anna, Marsaskala | Aċċessibilità għas-sala | Lul 2006 |
| 72 | Aċċess | Kunsilli | Magħluq | Kunsill Lokali Sliema | Nuqqas ta' aċċessibilità fit-toroq ta' Tas-Sliema | Lul 2006 |
| 73 | Aċċess | Gvern | Diskuss | Reġistru Pubbliku | Aċċessibilità għar-Registru Pubbliku għall-uffiċċju | Lul 2006 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 74 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Ta' l-Ibraġ | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aws 2006 |
| 75 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa l-Gżira | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aws 2006 |
| 76 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa l-Iklin | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aws 2006 |
| 77 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Ħal Lija | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aws 2006 |
| 78 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa l-Manikata | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aws 2006 |
| 79 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Ħal Luqa | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aws 2006 |
| 80 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Maria Regina (il-Marsa) | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aws 2006 |
| 81 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Trinità (Marsa) | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aws 2006 |
| 82 | Aċċess | Knisja | Diskuss | Parroċċa Fleur de Lys | Aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-knisja parokkjali | Aws 2006 |
| 83 | Aċċess | Gvern | Diskuss | Dipartiment tas-Saħħa | Nuqqas ta' aċċessibilità għall-berġa taż-Żejtun | Aws 2006 |
| 84 | Aċċess | Kunsilli | Diskuss | Kunsill Lokali Valletta | Aċċessbilità għall-parking quddiem il-Ministeru ta' l-Iżvilupp Urban u t-Toroq | Set 2006 |

## L-GĦOTI TA' SERVIZZI U OĠĠETTI - ILMENTI MINN TAS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Qasam | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Oġġ/Ser | Privat | Magħluq | SBT Breakdown Services | Nuqqas ta' numru tat-telefon biex jintuża bl-SMS | Lul 2001 |
| 2 | Oġġ/Ser | Gvern | Diskuss | Kummissjoni Elettorali | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-mod tal-votazzjoni minn persuni b'diżabilità | Jan 2005 |
| 3 | Oġġ/Ser | Privat | Diskuss | Bank of Valletta | Tipa żgħira ta' l-istatements tal-bank | Mar 2005 |
| 4 | Oġġ/Ser | Privat | Diskuss | HSBC | Tipa żgħira ta' l-istatements tal-bank | Mar 2005 |
| 5 | Oġġ/Ser | Para | Magħluq | Korporazzjoni Enemalta | Nuqqas ta' aċċessibilità għall- websajt u l-pubblikazzjonijiet | Mar 2005 |
| 6 | Oġġ/Ser | Privat | Diskuss | Maltacom | Tipa żgħira ta' l-istatements u nuqqas ta' aċċessibilità fil-websajt | Mar 2005 |
| 7 | Oġġ/Ser | Gvern | Diskuss | Uffiċċju tal-Prim Ministru | Nuqqas ta' aċċessibilità għaċ-ċirkularijiet tal-gvern | Mar 2005 |
| 8 | Oġġ/Ser | Para | Diskuss | Water Services Corporation | Tipa żgħira ta' l-istatements u nuqqas ta' aċċessibilità fil-websajt | Mar 2005 |
| 9 | Oġġ/Ser | Gvern | Magħluq | Div tas-Saħħa | L-użu tal-Karta ta' l-Identità Speċjali fl-Isptar San Luqa | Mej 2005 |
| 10 | Oġġ/Ser | Privat | Diskuss | Vodafone Malta Ltd | Tipa żgħira ta' l-istatements u nuqqas ta' aċċessibilità fil-websajt | Mej 2005 |

## L-GĦOTI TA' SERVIZZI U OĠĠETTI - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Qasam | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Oġġ/Ser | Privat | Diskuss | Melita Cable | Tipa żgħira ta' l-istatements u nuqqas ta' aċċessibilità fil-websajt | Ott 2005 |
| 12 | Oġġ/Ser | Gvern | Magħluq | Sptar San Luqa | L-użu tal-Karta ta' l-Identità Speċjali fl-Isptar San Luqa | Ott 2005 |
| 13 | Oġġ/Ser | Privat | Magħluq | Paramount Transport | Trasport għall-Kulleġġ De La Salle | Nov 2005 |
| 14 | Oġġ/Ser | Para | Magħluq | Awtorità dwar it-Trasport | Noll tal-karozzi tal-linja | Nov 2005 |
| 15 | Oġġ/Ser | Para | Magħluq | Water Services Corporation | Kontijiet tad-dawl u l-ilma | Nov 2005 |
| 16 | Oġġ/Ser | Knisja | Magħluq | RTK | Aċċessibilità għall-websajt u l-magażin FLIMKIEN | Jan 2006 |
| 17 | Oġġ/Ser | Para | Magħluq | Water Services Corporation | Livell ta' servizz mill-Customer Care | Frar 2006 |
| 18 | Oġġ/Ser | Privat | Magħluq | Bank of Valletta | L-użu tal-Karta ta' l-Identità 'Speċjali fil-fergħat | Mar 2006 |
| 19 | Oġġ/Ser | Gvern | Magħluq | Sptar San Luqa | Livell tas-servizz tal-Customer Care fl-Isptar San Luqa | Ġun 2006 |
| 20 | Oġġ/Ser | Privat/Knisja | | Magħluq | Skejjel indipendenti u tal-Knisja l-iskejjel | Trasport ta' Ġun 2006 |
| 21 | Oġġ/Ser | Privat | Diskuss | HSBC Bank | ATMs fix-Xatt tas-Sliema, l-Imdina, u Triq ir-Repubblika, Valletta | Ġun 2006 |
| 22 | Oġġ/Ser | Privat | Diskuss | Self-drive car hire garages | Provediment tas-servizzi offruti lil persuni b'diżabilità | Ġun 2006 |
| 23 | Oġġ/Ser | Gvern | Magħluq | Ministeru tal-Familja | Pensjoni tal-persuni b'diżabilità | Lul 2006 |
| 24 | Oġġ/Ser | Privat | Magħluq | HSBC Bank | Użu tal-Karta ta' l-Identità Speċjali fil-fergħat | Aws 2006 |
| 25 | Oġġ/Ser | Privat | Diskuss | Bank of Valletta | L-użu tal-Karta ta' l-Identità Speċjali fil-fergħat tal-banek | Aws 2006 |
| 26 | Oġġ/Ser | Knisja | Diskuss | Knisja ta' Għawdex | Nuqqas ta' aċċessibilità għal websajt | Aws 2006 |
| 27 | Oġġ/Ser | Knisja | Diskuss | Knisja ta' Malta | Nuqqas ta' aċċessibilità għal websajt | Jan 2006 |
| 28 | Oġġ/Ser | Privat | Diskuss | Mediterraneo Marine Park | Parteċipazzjoni fl-għawm | Lul 2006 |

## L-ASSIGURAZZJONI - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Qasam | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Ass | Privat | Magħluq | Middlesea Valletta | Life Assurance Premium ogħla għall-assigurazzjoni lill-persuni bid-dijabete | Aprl 2005 |

## L-ASSIGURAZZJONI - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Qasam | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Ass | Privat | Magħluq | Atlas Healthcare | Ħlas lill-assigurat b'diżabilità | Mar 2006 |

## DJAR - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Qasam | Settur | Status | Entità | Ilment | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Djar | Para | Magħluq | Korporazzjoni Enemalta | Kontijiet tad-dawl u l-ilma | Mej 2006 |

## NOTI



## NOTI

## NOTI